Kunsill Lokali Fontana

Minuti tal-laqgħa tmienja u tlettin (38), tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Ġimgħa, 30 t'Ottubru 2015 fil-4.00 ta' wara nofs in-nhar fis-Sala tal-Kommunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

1. Talba

1.1 Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku u bdiet b'talba.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-minuti tal-laqgħa 37 ġiet approvata mill-Kunsill u iffirmati mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv quddiem il-preżenti.

*Mill-Minuti*

Is-Segretarja infurmat lil preżenti li:

2.2 Wara li ntbgħat avviż fid-djar rigward min hu interessat sabiex jesebixxi x-xogħol tiegħu fil-wirja ta' artiġjanat, ħadd ma kkonkorra u għalhekk il-membri qablu li din ma ssirx.

2.3 Għas-*seasonal influenza vaccination* applikaw 21 persuna u issa ser jiġi avviċinat t-tabib Vella biex joffri s-servizz tiegħu.

2.4 Rigward l-appell tal-Gozo Concrete Products, s-Seg. Eżekuttiv qed tiprova iġġib kopja ta' l-appell mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.5 Rigward Trejqet il-Harrub, ir-residenti ma qablux illi jitpoġġew tlett kantuni fit-triq sabiex jidderiġi l-ilma biex jinżel fil-bokka tal-wied u dan għaliex it-triq tiġi ostakolata u ma jkunux jistgħu jgħaddu b'vetturi goffi. Is-Sur Micallef propona li għandu jsir *gutter* ta' l-ilma mill-



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Centru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

kantuniera sal-bokka tal-wied jiġifieri fl-idjaq parti. Is-Sur Mercieca qal li biex jintlaħaq l-ilma li jinżel irid li l-*gutter* ikun fond ta' l-inqas żewġ piedi. Is-Sindku propona li l-Kunsill joħroġ il-materjal u s-Sur Micallef għandu jkellem lil Ministeru għal Għawdex biex jagħmluh l-ħaddiema tas-CMU għad li hi triq tal-Kunsill u l-Kunsill iforni u jħallas biss il-gradilja tal-ħadid biex jittatta l-*gutter*. Il-membri qablu.

2.6 Is-sessjonijiet taz-Zumba ser jibdew nhar is-Sibt, 31 t'Ottubru 2015 fil-4.15pm u għal dan applikaw 27 persuna. Dawn ser isiru fis-sala tal-kommunita'.

2.7 Rigward l-offerta għal servizz ta' Perit, is-Seg. Eżekuttiv talbet linja gwida lid-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn ġiet infurmata illi jekk ma kienx hemm speċifikat fl-offerta li tista' tintalab sabiex issir laqgħa ma l-offeranti, din ma tistax issir. Ukoll il-Kunsill ġie infurmat li x-xogħol li għadu ma tlestiex mill-Periti l-oħra jgħaddi għal Perit il-ġdid. Is-Sindku staqsa jekk it-tnejn li ssottomettew għandhomx il-kwalifiki kollha mitluba. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li issa l-Kunsill bħala membri għandhom jivverifikaw jekk għandhomx ir-rekwiżiti kollha mitluba. Is-Sindku talab ukoll sabiex jittieħed il-parir tad-Dipartiment għal Gvern Lokali jekk jistgħax il-Perit ikun ukoll *Contracts Manager*. ~~Is-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tas-Sindku illi qabel ma ħarġet l-offerta d-dokument ta' l-offerta kien fuq il-mejda tal-Kunsill biex jiġi spezzjonat minnhom~~. Is-Sindku qal li jista' jkun hemm konflitt ta' nteress li l-Perit jista' wkoll jkun *Contracts Manager* u dan peress li Perit jista' jgħolli l-prezz biex jitħallas aktar. Is-Sindku qal li ma għandux ikejjel ix-xogħol l-istess Perit. Is-Sur Micallef qal li bħal ma dejjem ġara għandu jitqabbad l-Perit li tefgħa l-irħas offerta. Is-Sur Micallef qal li d-darba l'oħra s-Sindku talab li jittieħed il-parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u għalhekk talab li jittieħed vot. Is-Sindku fakkar lil membri li jekk jittieħed vot u jittieħed ħażin l-membri għandhom jerfgħu r-responsabilita'. Is-Sindku fakkar lis-Sur Micallef li għandu jerfgħa r-responsabilita' ukoll tal-kisi tal-bejt taċ-ċentru ċiviku għax fl-opinjoni tiegħu ittieħdet deċiżjoni ħażina fil-laqgħa ta' Frar 2015 u li l-Kunsill jista' jkollu xi appell ieħor. Il-membri għaddew għal vot u ġew tlieta kontra tnejn, Horace Micallef, Mario Mercieca u l-Viċi Sindku favur u s-Sindku u Carmel Farrugia kontra u għalhekk għandu jitqabbad Perit li xeħet l-irħas offerta. Is-Sindku staqsa hemmx kwalifiki biżżejjed u mhux sew li mhux ser jiġu evalwati minn Perit. Is-Sindku qal li t-tnejn li huma għandhom jiġu verifikati minn Perit. Is-Sur Micallef oppona għax qal li l-Periti ikunu miftehmin u qal li ittieħdet votazzjoni li jitqabbad l-irħas wieħed u għalhekk għandha tiġi evalwata biss l-offerta ta' l-irħas Perit. Is-Sindku propona li



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

jitqabbad Perit sabiex jivverifika l-offerta. Is-Sindku staqsa x'ser jiġri issa jekk il-Perit li ser jitqabbad ikollu konflitt ta' interess bejn ix-xogħol tal-Gvern u x-xogħol tal-Perit tal-Kunsill. Is-Sindku fakkar li l-Perit Anglu Portelli għandu xogħol mal-Gvern bħala l-Perit tal-Ministeru għal Għawdex. Is-Sur Micallef fakkar lis-Sindku li ma hemm xejn indikat li l-Perit hu Anglu Portelli peress hi kumpanija u fakkar lis-Sindku wkoll li l-Perit l-ieħor hu ukoll Perit tal-Gvern u Perit ta' *Transport Malta*. bizzejjed għax ma jidhirx li hemm miktub u mhux ħa jiġi evalwati minn espert. Is-Sur Micallef propona lil William Sultana. Il-membri għaddew għal vot. Il-vot ġie tlieta kontra tnejn, favur Horace Micallef, Mario Mercieca u l-Viċi Sindku waqt li kontra s-Sindku u Carmel Farrugia u għalhekk ser jiġi avviċinat William Sultana biex jivverifika l-irħas offerta.

3. <u>Jum il-Fontana</u>

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li D Capitals ser jiġu jagħmlu prova tal-programm li ser jindaqq f'Jum il-Fontana. Il-wirja ta' artiġjanat mhix ser issir. Is-Sur Mercieca propona li s-Sala terġa tiġi miżbugħa u l-purtieri jinqalgħu u jinħaslu. Il-membri qablu u qablu wkoll li jitqabbad Anglu Bajada għar-*reception*. Il-Viċi Sindku talab ukoll sabiex tiżżejjen ftit is-sala b'xi inkwadri. Is-Sindku propona li wara Jum il-Fontana jitqabbad *designer* u tiġi imżejna kif jixraq.

4. <u>*Bring in Sites* fi Triq ta' Mulejja</u>

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-Green MT informa lil Kunsill li mill-1 ta' Novembru 2015 mhux ser jibqa' jiprovdi s-servizz tal-ġbir ta' skart separat mill-*bring in sites*. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti wara li ddiskutit din il-materja mas-Sindku illi hi ta' l-opinjoni li dawn jitneħħew peress li qed ikun hemm miżbla mal-madwar u ukoll l-iskart li jintefa' ġo fihom ma jiġix miżun u barra minnhekk il-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed biex ibattal l-*bring in sites* hu. Is-Sindku propona li il-*bins* jitneħħew minn fejn huma u jitpoġġew fil-garaxx sakemm jinbiegħu. Is-Sur Micallef ma jaqbilx li dawn għandhom jitneħħew għad li l-Kunsill m'għandux triq oħra. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jħallas lil min is-soltu jbattalhom u jitpoġġew il-ġewwa miċ-ċint fit-tieni fażi taċ-ċentru ċiviku u ssir bieba ħalli ma jkunx hemm perikolu. Il-membri qablu li għandu jintbgħat avviż lir-residenti u s-Sindku propona li r-residenti jingħataw pakkett boroż biex jagħmel tajjeb għat-tneħħija tal-*bring in sites*. Is-Seg. Eżekuttiv għandha ssejjaħ laqgħa mal-Green pak u l-Green MT biex tiġi diskussa l-proposta fuq l-espressjoni t'interess.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Bor

5. Reklutaġġ ta' Skrivan/a

Is-Sindku bħala *chairman* tal-bord informa lil Kunsilliera li l-intervisti saru nhar is-27 u 28 t'Ottubru 2015 u l-bord għamel lista ta' kif ġew klasifikati. Is-Seg. Eżekuttiv fetħet l-*envelop* isiġġilat mill-membri tal-bord quddiem il-preżenti. Dok A. Is-Sindku nforma lil preżenti li membru tal-bord, is-Sur Jason Curmi issuġġerixxa li l-ewwel tlieta/ħamsa ssirilhom intervista oħra. Mhux il-membri kollha qablu mas-Sindku u għalhekk ittieħdet votazzjoni. Il-votazzjoni ġiet tnejn favur s-Sindku u Carmel Farrugia u tlieta kontra, Horace Micallef, Mario Mercieca u l-Viċi Sindku u għalhekk mhux ser issir intervista oħra. Għal dan il-għan is-Seg. Eżekutti għandha tinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u lil ETC bil-kandidat li ġie magħżul. Is-Sindku qal li l-iskrivan għandu jibda' minn Jannar 2016 peress li fil-*budget* tħabbar li jekk ikun hemm impieġ ġdid mill-1 ta' Jannar 2016 ħa jkun hemm għoti ta' flus. Is-Sur Micallef qal li sakemm jaf hu dawn ma jistax jieħu għajnuna l-Kunsill minnhom. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li ma tistax toqgħod mingħajr skrivan aktar. Is-Sur Micallef propona li la hemm bżonn ta' l-iskrivan għandu jitqabbad malajr kemm jista' jkun. Il-membri għaddew għal votazzjoni. Is-Sindku u Carmel Farrugia ivvutaw li l-Kunsill għandu jistenna waqt li l-Viċi Sindku, Horace Micallef u Mario Mercieca ivvutaw li l-iskrivan għandu jibda' immedjatament u għalhekk l-iskrivan għandu jitqabbad malajr kemm jista' jkun wara li jkun hemm l-approvazzjoni tad-Dipartiment. Is-Sindku propona li dan l-iskrivan jiftaħ l-uffiċċju sal-4.45 ta' fil-għaxija sabiex il-pubbliku jinqeda aħjar. Is-Sindku talab lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tintalab linja gwida lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk is-Seg. Eżekuttiv tistax tpatti f'xi ġurnata oħra għas-siegħat li tuża biex issir il-laqgħa wara l-ħin tax-xogħol.

6. Korrispondenza

6.1 Il-membri approvaw b'mod unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv, Odette Camilleri takkumula 86 siegħa mill-*leave* tas-sena 2015 biex tutilizzaħ fis-sena 2016 peress li ma setgħetx tutilizza l-*leave* kollu minħabba esiġenzi tax-xogħol.

6.2 Emejl minngħand Sarah Debono ta' l-Eco Serv fejn infurmat lil Kunsill li x-xogħol ta' tindif u reabilitazzjoni tal-Wied tax-Xlendi huwa lest u li r-rapporti ser jgħaddu għand il-MEPA.

6.3 Emejl minngħand it-TCTC rigward JOB PLACEMENT EU project fejn infurmaw lil Kunsill li ser jibgħatu student/a għal *job exposure*. L-istudenta Chantelle Vella intbgħatet illum u ser tagħmel sas-7 ta' Diċembru 2015.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Boz

6.4 Emejl mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn l-Kunsill Lokali intalab sabiex jimxi ma Artiklu 33 (1) (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363) dwar il-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali sabiex l-Kunsill jaħtar president tal-Kunsill ta' l-iskola primarja. Il-membri qablu li jinnominaw lil Viċi Sindku.

6.5 Email mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-xogħol sabiex il-Kunsill japplika għall Premju Frans Sammut, Kategorija B fejn il-Kunsill jista' jniżżel lista ta' attivitajiet li għamel tul dawn l-aħħar snin biex ixerred l-użu ta' l-ilsien Malti.

7. Approvazzjoni ta' Kontijiet

Skeda Nru 31 tal-ħlasijiet ġiet approvata u ffirmata mill-membri preżenti. Is-Sindku propona li l-pagament ta' Michael Bongailas ta' l-Iron Man Competition jingħatalu waqt is-serata ta' Jum il-Fontana.

8. Materji Oħra

8.1 Ilment mir-resident Emanuel Grech ta' Triq ta' Mulejja fejn talab sabiex isir *double line* faċċata tal-garaxx tiegħu jiġifieri quddiem il-garaxxijiet tal-Kunsill u dan sabiex ikun jista' joħroġ bil-vettura. Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta.

8.2 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Avukat tal-Kunsill reġa ġibed l-attenzjoni tal-Green MT sabiex jiġi ffirmat il-ftehim u jgħaddu l-flus imwedgħa lil Kunsill. Is-Sindku propona li għandha ssir laqgħa mal-Green Mt u Green Pak ħalli l-Kunsill ikun jista' jiffirma kuntratt.

8.3 Rigward il-*weekend break* li ser issir lir-residenti, is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li intgħażlet is-San Antonio Hotel & Spa u dan ser isir bejn il-4 u 6 ta' Diċembru 2015. Is-Seg. Eżekuttiv talbet lil preżenti jiddeċiedu fejn ser iżuru waqt il-*weekend break* u dan sabiex ikun jista' jintbgħat il-programm fid-djar. Is-Sindku staqsa jekk dawk mhux residenti tal-Fontana hux ser iħallsu l-istess prezz li ser jitħallsu mir-residenti. Il-membri qablu li kulħadd għandu jħallas l-istess prezz. Dan ser ikun €82 kull persuna b'€10 miżjud mill-Kunsill għat-trasport.

8.4 Inġabru kwotazzjonijiet għal *benkwitting tables* minngħand in-Newline living concept u minngħand X & B Co Ltd. Il-prezzijiet kwotati huma €250 VAT inkluż u €165.20 VAT inkluż rispettivament.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Boz

Il-membri qablu li għandhom jiġu ordnati sitt *benkwitting tables* minngħand X & B Co Ltd.

8.5 Inġabru l-kwotazzjonijiet għal *bollards* għal *belvedere* ta' Triq ta' Mulejja mingħand Andrew Vassallo General Trading, Koptasin u Refalo Signs. Il-prezzijiet kwotati rispettivament huma €75, €72.45 u €41. Il-prezzijiet kwotati huma kollha eskludi mill-VAT. Il-membri qablu li dawn għandhom jiġu ordnati minn għand Refalo Signs. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tiċċekja kemm jiċċarġja biex jitwaħħlu u tiprova tinnegozja prezz.

<u>*Mis-Sindku*</u>

8.6 Il-Kunsill informa lil Awtorita' tax-Xandir li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir xandir mir-Radju tal-Komunita' 'Sacro Cuor'.

8.7 Bdew il-korsijiet tal-*life long learning* li huma Ganutell u *ladies and gents garments* fis-Sala tal-Kommunita'.

8.8 Il-Bord ta' l-għażla għal reklutaġġ ta' skrivan/a iltaqa' tlett darbiet, għal dan minbarra li ma jridx ħlas kellu jieħu *leave* peress li l-intervisti ta' madwar 30 persuna saru waqt il-ħin tax-xogħol.

8.9 Is-Sindku attenda għal laqgħa oħra tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex li saret fil-Banca Giuratale. Is-Sindku nforma wkoll li r-Reġjun ser jħallas lura €900 lil Kunsill li kienu mislufa lir-Reġjun.

8.10 Saret ħarġa soċjo kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta. Żorna l-Birgu fl-okkażżjoni tal-Birgu Fest u l-lokalita' ta' Marsaxlokk. Attendew 53 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef.

8.11 Is-Sindku attenda għal quddiesa fl-okkażżjoni ta' Jum Għawdex fil-Knisja ta' San Gakbu. Wara sar diskors ta' l-okkażżjoni mill-President Reġjonali Dr Samuel Azzopardi u tqegħid ta' kuruna mal-monument ta' l-Arċipriet Saver Cassar.

8.12 Biex jinżebgħu l-bankijiet ta' fuq l-Għajn ta' Bendu u tal-*belvedere* ta' Triq ta' Mulejja.

8.13 Is-Sindku staqsa jekk kienitx intbgħatet ittra lil Transport Malta rigward in-*no entry for heavy vehicles* fi Triq Wied Siekel.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Faxi taċ-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

8.14 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lis-Seg. Eżekuttiv kif l-Kunsill m'għadux jirċievi avviżi tal-MEPA. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li l-Kunsill qed jirċievi avviżi iżda mhux qed ikun hemm li jikkonċernaw lil Fontana u għalhekk infurmathom li tirċievi ser tibda' tibgħathom emejl lil Kunsilliera.

8.15 Biex isir *patching* neċessarju fil-Wied tax-Xlendi. Is-Sindku qal li hemm toqba perikoluża u għandha titqatta' bil-*jigger* u l-ħaddiema tal-Kunsill wara jmorru jagħmlu *patching*.

8.16 Rigward it-tabella Merħba to Fontana is-Sindku avviċina lil Manager ta' l-HSBC Paul Curmi biex s-Seg. Eżekuttiv tgħaddi ritratt u l-korrispondenza neċessarja lis-Sur Curmi sabiex tittieħed azzjoni u ssir mill-ġdid.

8.17 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm *wire* iperper man-niċċa ta' fuq l-Għajn il-Kbira. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tinforma lil Chris Gauci b'dan.

8.18 L-LED's kollha ġew mibdula mir-Reġjun t'Għawdex.

8.19 Is-Sindku propona li għal nofs ix-xahar ta' Novembru issir ħarġa oħra għal Malta. Il-membri ma qablux ma dan peress li ser isir il-Weekend break u għalhekk ġie deċiż li titħalla għal wara. Is-Sindku propona fl-20 ta' Diċembru.

8.20 Sabiex il-*weekend break* tiġi amalgamata ma Jum il-Fontana.

8.21 Sabiex issir laqgħa ma Dr Said bħala *shadow minister*. Il-membri qablu li jiġi mistieden jattendi jiltaqa' mal-Kunsill nhar il-Ħamis, 26 ta' Novembru 2015 fil-4.00 ta' wara nofs in-nhar.

8.22 Is-Sindku fakkar lis-Sur Micallef illi l-*main* ta' l-ilma l-ġdid wasal biss sa Triq is-Sajjieda. Is-Sur Micallef wieġeb illi minħabba xi servizzi li hemm diġa għaddejjin ma jistgħax jibqa' għaddej il-*main*.

*Il-Viċi Sindku*

8.23 Ġibed l-attenzjoni tas-Seg. Eżekuttiv sabiex jerġa' jiġi rrapportat lil WSC. Is-Sindku propona li meta jerġgħew jmorru tal-WSC jiltaqgħu mal-Viċi Sindku sabiex jurihom fejn qegħda l-problema.



S. Borg

*Is-Sur Horace Micallef*

8.24 Sabiex issir talba lil Engineer sabiex jiżdied fanal ġdid fi Triq l-Isptar San Ġiljan maġenb tas-Sur Vince Scerri u tiżdied bozza oħra fi Triq San Martin peress li hija mudlama. Is-Sindku propona li jittieħed il-parir ta' l-Enġineer Mario Galea.

*Is-Sur Mario Mercieca*

8.25 Staqsa fejn waslet iz-*zebra crossing* li kienet intalbet għal Triq Kappillan Ġ Hili. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi din kellha tidħol mat-*traffic calming measures* li kellu jħejji l-Perit Anġlu Portelli.

8.26 Staqsa jekk is-*sleeping policeman* fil-bidu ta' Triq Għajn Tuta tistgħax terġa' teħel fejn kienet qabel. Il-membri qablu li din għandha terġa' teħel.

8.27 Talab sabiex meta tkun ix-xita jintbgħat ħaddiem tal-Kunsill jimmarka l-għaddajjar li qed iżommu l-ilma fihom fl-isqaq ta' fejn ta' Golina Supermarket fi Triq il-Għajn sabiex ikun jista' jsir is-siment neċessarju. Il-membri qablu.

8.28 Fejn il-*belvedere* ta' Mulejja sabiex jitnaddaf il-*gutter* ta' l-ilma.

8.29 Is-Sur Mercieca staqsa x'ser jiġri fuq it-tiżjin tal-Milied peress li ma jridx li jkunu l-Għaqda ta' l-armar il-każ li Triq Kappillan Hili ma tintramax. Is-Sur Micallef propona li s-Sur Mercieca jistaqsi lil Għaqda jekk iridux jarmaw Triq il-Għajn u Triq Kappillan Hili jew triq minnhom biss. Is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv infurmaw lil membri li malli jkun hemm risposta issir laqgħa b'urġenza tal-Kunsill. Is-Sur Micallef qal ukoll li tiġi diskussa lil min ser jingħata Ġieħ il-Fontana f'din il-laqgħa.

9 Aġġornament tal-Laqgħa

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis, 26 ta' Novembru 2015 fil-4.00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.45 ta' filgħaxija.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555